



# Aħbar Tajba

Eż 32, 7-11. 13-14
Salm 50 (51), 3-4.12-13. 17 u 19
1 Tim 1, 12-17
Lq 15, 1-32

U meta ssibha, issejjaħ għandha lil ħbiebha u l-ġirien, u tgħidilhom:
**"Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma li kienet intilfitli."**

Bosta postijiet li minnhom jgħaddu ħafna persuni jħobbu jżommu kaxxa għall-affarijiet li xi kultant dawn il-persuni jħallu warajhom. Ħafna drabi jkollha miktub fuqha l-frażi bl-Ingliż '*Lost and Found*'. Qatt iltqajtu ma' kaxxa bħal din? Jekk iva tafu li din il-kaxxa ħafna drabi jkun fiha minn kollox!

Min iħalli n-nuċċali warajh, forsi biex ikollu skuża tajba għaliex ma lestix il-*homework*, u min xi lapes jew pinna. Imbagħad ikun hemm min jinsa affarijiet aktar importanti, bħall-*mobile*. Dawn ma tantx idumu mitlufin għax malajr tara l-persuna ġejja tiġri mifxula għax qisha tilfet l-aktar ħaġa importanti li għandha! Darba saħansitra rajt żarbuna ġo din il-kaxxa! Mhux par sħiħ imma żarbuna waħda. Tgħid ma ndunax li sejjer id-dar b'żarbuna waħda!?

Ma nafx jekk ġilix tlift xi ħaġa importanti? X'għamilt? Għedt: 'U iva issa nixtri oħra' jew inkella mort tiġri tfittex ġo din il-kaxxa sakemm sibtha?

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jirrakkontalna żewġ stejjer ta' xi ħadd li għadda minn din l-esperjenza. L-ewwel storja titkellem fuq ragħaj li kellu mitt nagħġa. Imma waħda minnhom tbiegħdet mill-merħla u ntilfet u allura, b'sorpriża kbira għalina, jitbiegħed mid-disgħa u disgħin biex ifittex in-nagħġa li ntilfet. Meta sabha kien tant kuntent li stieden lil sħabu biex jifirħu miegħu li sab in-nagħġa l-mitlufa.

Imbagħad Ġesù jkompli bi storja oħra li din id-darba titkellem fuq mara li kellha għaxar muniti. Kull waħda minn dawn il-muniti kienet tiswa ġurnata xogħol.

Imma waqt li qed tgħoddhom tinduna li waħda minnhom ma kinitx hemm. Xegħlet id-dawl, kinset id-dar kollha u fittxet kullimkien sakemm sabitha u mbagħad sejħet lill-ħbieb u l-ġirien biex jifirħu magħha.

F'dawn iż-żewġ stejjer Ġesù qed jitkellem fuq l-imħabba kbira ta' Alla għal kull wieħed u waħda minna. Għalkemm sikwit jiġrilna bħan-nagħġa l-mitlufa u nitbiegħdu minnu, hu qatt ma jaqta' qalbu minna. U bħalma l-persunaġġi tal-istejjer ferħu meta sabu li kienu tilfu, hekk ukoll Alla l-hena tiegħu meta nerġgħu ningħaqdu miegħu. X'imħabba dik! Għalhekk ejjew inwiegħbu għal din l-imħabba kbira ta' Alla għalina u nħalluh isibna. Kull darba li xi ħadd mill-ġenituri jew inkella xi ħadd li jieħu ħsiebna jikkoreġina, dak Alla li qed isejħilna lura lejh.

**Sib il-Kelma**

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.
PUBBLIKANI, MIDINBIN, FARIŻEJ, KITTIEBA, NAGĦĠA, MUSBIEĦ, DRAKMA, FERĦ, ULIED, ĦNIEŻER.



| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | U | A | L | O | G | E | L | P | O |
| O | L | A | N | N | A | W | Ġ | U | R |
| Ħ | IE | L | F | E | R | Ħ | M | B | T |
| N | D | R | A | K | M | A | U | B | IE |
| IE | S | K | R | B | I | L | S | L | P |
| Ż | T | M | I | D | I | N | B | I | N |
| E | N | L | Ż | IE | Ċ | A | IE | K | A |
| R | E | I | E | E | N | GĦ | Ħ | A | S |
| D | U | R | J | P | S | Ġ | N | N | A |
| K | I | T | T | IE | B | A | T | I | R |

**Agħti l-kulur**

Hawn taħt għandna l-imsejkna nagħġa li tbiegħdet wisq mill-merħla u issa qed tħossha mitlufa u waħedha. Kull fejn tħares qed tara perikli u diffikultajiet. Min jista' jgħinha? Fl-ispazju vojt f'nofs dawn l-istampi pinġi lir-ragħaj it-tajjeb li se jgħin l-imsejkna nagħġa tagħna.



## L-Att tal-Indiema

Mhux l-ewwel darba li niġu f'sitwazzjoni li jkollna niskużaw ruħna. Dan jiġri lil kulħadd. Ħafna drabi l-aktar persuni li nsibu ruħna li rridu niskużaw ruħna magħhom huma dawk l-aktar qrib tagħna, bħal tal-familja u l-ħbieb l-aktar għal qalbna. Mhux għax m'aħniex ħbieb jew aħwa tajbin imma, minħabba li dawn inqattgħu ħafna ħin magħhom, il-probabbiltà hi li lilhom l-aktar li se nonqsu.



Imma dan ma jfissirx li ma nħobbuhomx. Ifisser li aħna bnedmin li xi kultant jirnexxilna nkunu aħwa u ħbieb tajba u kultant ma jirnexxilniex. Din tiġrilna wkoll ma' Alla. Dan iħobbna b'imħabba tal-ġenn, imma aħna xi kultant ma nweġbux għal din l-imħabba. Anzi kultant naħarbulu. Sakemm nindunaw li tbiegħdna minn dak li jagħmilna ferħanin. U hemm ikollna bżonn niskużaw ruħna. Imma kif titlob skuża lil Alla? L-Att tal-Indiema hija talba mill-isbaħ li nitolbu waqt is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Hemm żewġ verżjonijiet, l-ewwel waħda hi t-talba oriġinali filwaqt li hemm verżjoni iqsar għal tfal iżgħar.

Mulejja, Alla tiegħi,
jisgħobbija b'qalbi kollha
minn dnubieti ta' ħajti kollha.
Jisgħobbija, Mulejja,
għall-ġenna li tlift
u għall-infern li rbaħt;
imma fuq kollox jisgħobbija
għax regħextek u offendejtek
kollok tjieba u ħniena.
Inħobbok, Mulejja,
inħobbok fuq kollox;
mil-lum 'il quddiem,
bil-għajnuna mqaddsa tiegħek,
ma nerġax nidneb iżjed,
la mmur fejn dari nidneb,
naħrab ukoll dak kollu li dari
waqqagħni fid-dnub.

### L-Att tal-Indiema l-qasira

Mulejja, Alla tiegħi,
inti tħobbni ħafna,
jiddispjaċini talli għedtlek le
bi dnubieti. Mil-lum 'il quddiem,
bil-għajnuna mqaddsa tiegħek,
ma nerġax nagħmel dnubiet
iżjed u rrid inħobbok fuq kollox.





Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċempilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION